# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 183/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Merceica)

(Spettur James Grech)

vs

**Vincent Abela**

iben Paul, imwieled Pieta', fid-19 ta' Lulju, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 348574(M)

Illum, 24 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Vincent Abela quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'Malta, matul ix-xahar ta'Awissu, 2011 u/jew wara:

1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, cioe' gojjellerija li tiswa iktar minn €2329.37, liema gojjellerija kienet misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistata b'reat, sew jekk dan sar f'Malta

jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghha jew imexxiha;

2. Kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, Att Dwar il-Probation, li kien gie mpost fuqu permezz ta' sentenza mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.) nhar it-3 ta' Mejju, 2011, liema sentenza saret definittiva;

3. Talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artiokli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gja gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' April, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 23, 23B, 121D, 31, 49, 50, 334, 279 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant illiberatu minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza fejn illiberat lill-appellat u minflok issib htija f'kull akkuza u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fil-21 ta' April 2014, l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Cudikatura Kriminali gham1et apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi migbura.

Illi l-esponent Avukat Cenerali ntavola dan l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponent jibda bil-premessa li fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti sabiex waslet ghad-decizjoni surifferita kienet zbaljata ferm u bid-dovut rispett dan l-appell qieghed jigi ntavolat sabiex din l-Onorabbli Qorti taghmel revizjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija.

Illi huwa rninnu illi kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni u l-gudizzju taghha gha1 dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti.

Illi din l-Onorabbli Qorti madanakollu xorta taghmel ezami approfondit tal-provi sabiex tara jekk il-konkluzjoni li was1et ghaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi u ragjonevolezza, u cioe' tara jekk dik il-konkluzjoni kienitx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi.

Illi fil-kaz odjern jidher car illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, wara l-evalwazzjoni tal-provi migbura, waslet ghal konkluzjoni zbaljata. Illi bir-rispett dovut 1ejn l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ezonerat lill-appellat mill-akkuza ta' ricettazzjoni u dan ghaliex hafna fatturi jindikaw il-kuntrarju.

Illi l-Ewwel Qorti strahet esklussivament fuq ix-xhieda ta' Carmel Hartley u minhabba xi diskrepanzi fl-istess xhieda l-Ewwel Qorti tghid illi ma hemmx provi konkreti kontra l-imputat. L-ewwel Qorti ghaz1et li tiskarta ix-xhieda ta' Carmel Hartley u stqarret illi l-verzjoni tal-imputat hija iktar verosimili.

Illi madanakollu l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra fatturi importanti li hargu tul il-kors tal-proceduri odjerni. Illi wiehed mill-ewwel janalizza l-istqarrija li ta l-appellat, fit-tieni stqarrija (fo1. 21) l-appellat ammetta illi kien issusspetta li l-gojjellirija li xtara minghand Hartley setghet kienet akkwistata b' qerq. Infatti ghall-mistoqsija li saret mill-ispettur, huwa wiegeb hekk:

*"Iva, ghaddieli hsieb, imma jien ma tajtx kaz."*

Illi skont il-gurisprudenza "sabiex persuna tinsab hatja ta' ricettazzjoni huwa mehtieg li jinkorru s-segwenti tlett rekwiziti:

1. Il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni;

2. L-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza illegittima: u

3. Fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza illegittima tal-oggett in kwistjoni.[1]"

Illi l-element formali ta' dan ir-reat huwa li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza llecita tal-oggett suggett ghar-ricettazzjoni u dan ir-rekwizit jista' jigi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indiretti. Gie ritenut li:

"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom missu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza llegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricetazzjoni"[2]

Illi ghalhekk l-ammissjoni tal-appellat fl-istqarrija u cioe' "Iva, ghaddieli hsieb, imma jien ma tajtx kaz" hija bizzejjed biex tinstab htija, Iktar minn hekk l-awtur Kenny fuq ix-xjenza mehtiega jghid:

*"The prisoner must have received stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of the circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g.: when an unlikely vendor offers them for an unlikely price ... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g.: selling them surreptitiously ... or making no entry of having bought them."*

Illi f'dan il-kaz allura naraw illi anke l-provi indiretti u cirkostanzjali jwasslu ghal sejbien ta' htija. L-appellat ighid illi qatt ma kien iddilja ma' Hartley qabel izda dan minn imkien mar fuqu u pprezentalu xi gojjelli biex jixtrihom. Kemm hi verosimili din il-verzjoni. Jidher ukoll illi ghad-

---

[1] Il-Pulizija vs. Giovanni Grima - Appell Kriminali, 25/ 10/2002

[2] I1-Pulizija vs. John Brigulio - Appell Kriminali, 24/6/1961

deheb imsemmi, l-appellat hallas prezz li mhux tas-suq. L-appellat jghid ukoll illi Hartley ried ibieghlu wkoll xi djamanti u qalli li dawn kienu misruqin. Allura wiehed mhux mill-ewwel toghkru ghajnejh?  Mela l-ewwel tigi persuna ma tafiex tbieghlek id-deheb, imbaghad tigi bid-djamanti u tghidlek li dawn misruqin u inti ma taghmel xejn dwar dan. Jirrizulta wkoll illi l-appellat minkejja li kif qal hu stess xtara d-deheb ghax kien ghogbu, izda ftit wara bieghu!

Illi ghaldaqstant u fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt u tal-fatti, jidher car illi fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti kien imissha kkonkludiet legalment u ragjonevolment li, mill-provi li rrizultaw u partikolarment min dak li qal 1-appellat fl-istqarrija tieghu, hu kien jaf li d-deheb kien akkwistat b'qerq.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.  Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha.  Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta ampjamnet car li hemm diskrepanza bejn ix-xhieda ta' Carmel Hartley u Vincent Abela, l-appellat. Carmel Hartley identifika l-oggetti misruqa li hu qal li kien biegh lil Vincent Abela, l-appellat. Min-naha tieghu Vincent Abela gie muri l-oggetti misruqa u hu ma identifika ebda wiehed minnhom.

Illi Vincent Abela ammetta li hu xtara xi oggetti tad-deheb minghand Carmel Hartley izda fil-waqt li Carmel Hartley ighid li hu rcieva s-somma ta' €3,600, Vincent Abela min-naha tieghu jghid li hu ta €700 lil Carmel Hartley. Diskrepanza ohra hu l-prezz ghal kull gramma li suppost Vincent Abela hallas lil Carmel Hartley. Carmel Hartley ighid li Vincent Abela xtara bl'€20 il-gramma, fil-waqt li Vincent Abela ighid li hu hallas bis-€27 il-gramma.

Illi Vincent Abela xehed li hu biegh id-dehed li xtara fuq sit tal-internet li jismu "Maltapark" u mad-daqqa ta' ghajn ta' dan is-sit jirrizulta li dan hu sid fejn jinbiegh minn kollox. Kieku Vincent Abela kien tal-fehma li dan id-deheb kien misruq, ma kienx ikun ghaqli li hu jbieghu minn dan is-sit. Din il-linja ta' investigazzjoni giet skartata ghal kollox min-naha tal-investigaturi.

Illi hu minnu li Vincent Abela ghaddielu l-hsieb li dak id-deheb seta' kien misruq. Hu minnu wkoll li Carmel Hartley offra lil Vincent Abela xi djamanti u qallu li dawn kienu misruqa imma Vincent Abela qallu li d-djamanti ma jinteressawhx. Vincent Abela gie mistoqsi ghaliex ma marx ghand il-pulizija meta sar jaf li Carmel Hartley seta' bieghlu deheb li kien misruq. Hu wiegeb li ma kienx qed jibza u fil-fehma tieghu xtara bis-sewwa.

Illi jirrizulta car li bejn il-versjonijiet ta' Carmel Hartley u Vincent Abela, l-appellat, hemm differenza kbira.  Fil-fehma ta' din il-Qorti, u taqbel mal-ewwel Qorti, il-versjoni ta' Vincent Abela hi aktar kredibbli.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijjiet din il-Qorti tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.